# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru, 2015

**Talba Nru: 747/15 DMA**

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**O'Dea Amanda Jane**
**ID 76177M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mija u sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€2,126.80) in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija fissa, internett u televizzjoni, liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40096893.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentat ta' din il-kawza.

Dehret Dr Yanika Camilleri li ghan-nom tal-konvenuta ammettiet it-talba attrici u talbet li l-ammont jithallas b'rati mensili ta' mitt ewro (€100).

In vista ta' dan it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundana lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn mija u sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€2,126.80) lis-socjeta' attrici b'rati mensili ta' mitt ewro (€100). B'dan pero' kemm il darba l-konevnuta tonqos li thallas zewg pagamenti konsekuttivi allura s-socjeta' attrici jkollha d-dritt li titlob il-bilanc rimanenti f'ammont wiehed.

Spejjez u drittijiet ikunu a karigu tal-konvenuta.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**